**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 28 ta' Frar, 2017**

Numru 1

**Rikors Guramentat Nru. 788/2015**

**Wasim Rakib**

**vs**

**Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati**
**Kummissarju tal-Pulizija bhala**
**l-Ufficjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni**
**l-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tas-17 ta' Awwissu, 2015 li jghid hekk:

Il-fatti

1. Illi, l-attur huwa ta' nazzjonalita Indjana imwieled fir-regjun ta' Handwara, Jammu Kashmir, nhar it-03.01.1987, kopja tac-Certifikat tat-Twelid qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala DOK. 'A'. Dan r-regjun tal-Istat tal-Indja hu kkaraterizzat minn glied u persekuzzjoni kontinwa bejn il-poplu Indjan u Pakistan u jgawdi minhabba f'hekk minn ammont ta' awtonomija mill-Gvern Centrali tant li jifforma parti mill-Istat ta' Kashmir. Konsegwenza ta' dan, il-poplu f'dan ir-regjun ilu sa minn snin shah isofri minn abbuzi u maltrattament mill-militanti, kwotidjanament;

2. Illi fit-18.08.2009, Abdul Jameel Rakib, missier ir-rikorrent Wasim Rakib, gie maqtul b'mod ghall-ahhar makabru quddiemu stess wara li irrifjuta li jissieheb mal-grupp 'Freedom for Kashmir', u dan kif jattesta c-Certifikat tal-patologu Dr. Ayay li iddetermina li miet kagun titjira ta' arma tan-nar f'omicidju volontarju, kopja ta' liema certifikat tal-mewt ta' qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala DOK. 'B', Konsegwentament, Wasim Rakib ukoll gie imsawwat vjolentament minn dawn l-istess militanti;

3. Illi r-rikorrent gharraf lil min qatel il-missieru u peress li beza' ghal hajtu, kien iddeterminat li jahrab mill-Kashmir u l-Indja u precizament fis-sena 2012 hu wasal gewwa Malta bl-ajru;

4. Illi r-rikorrent qieghed isostni li jekk jerga' jmur lura lejn pajjizu ser jispicca maqtul ghall-fatt li l-militanti jirrikonoxxuh u b'hekk hajtu tkun gieghda fil-periklu u dan senjatament ai termini tal-Art. 8 tal-Att dwar ir-Rifugjati (Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Art. 32(2) tal-Konvenzjoni dwar ir-Rifugjati tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1951;

5. Illi r-rikorrent talab ghall-asil quddiem il-Kummissarju tar-Refugjati, li giet irrifjutata bhala inammissibbli pero li sussegwentement giet michuda wkoll fuq il-mertu b'decizjoni tas-16.02.2013, kopja ta' liema decizjoni qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK. 'C', fejn id-decizjoni kienet imsejsa fuq il-fatt li li r-rikorrent "failed to provide credible and convincing evidence that [he feared] being killed for refusing to join a freedom group in Kashmir". Inoltre il-Kummissarju hass li "this office has no reason to believe that [his] claim led or could lead to persecution against [him]. ... Nor does this Office believe that [his] alleged claim led or could lead to serious harm against [him]";

6. Illi, sussegwentement ghal din id-decizjoni, ir-rikkorent applika ghar-riezarni tal-fatti u fil-15.09.2014 il-Kummissarju tar-Refugjati ddecieda li "no new elements or findings have arisen or have been presented", kopja ta' liema decizjoni qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK. 'D';

7. Illi, ir-rikorrent informa lil-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati li xtaq jappella mid-decizjoni tal-Kummissarju u ghalhekk baghat ittra ghal dan l-iskop li giet percepita fl-ufficcju tal-Bord nhar it-3 ta' Novernbru, 2014;

8. Illi, ghal din l-ittra, il-Bord tal-Appelli wiegeb permezz ta' ittra ddatata l-04.11.1967 fejn infurmat lir-rikorrent li "... please be informed that the submission regarding your case should be received at this office by not later than Tuesday. 9th December 2014 ... [...] ... In the event that no such submission is received within this time. the Board will proceed to adjudicate your appeal" (emfasi tal-esponent), kopja ta' liema ittra qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK. 'E';

9. Illi r-rikorrrent ipprezenta l-appell mid-decizjorii tal-Kummissarju permezz ta' applikazzjoni li giet ipprezentata quddiem il-Bord tal-Appelli tar-Refugjati nhar it-03.11.2014 (emfasi tal-esponent) u dan ai termini tal-Art. 7(2) tal-Att dwar ir-Rifugjati (Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta), kopja ta' liema appell qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala DOK. 'F';

10. Illi, ir-rikorrent ipprezenta l-ittra tal-appell tieghu mid-decizjoni tal-Kummissarju barra mit-terminu ta' hmistax (15)-il gurnata, skond kif jiddisponi l-Art. 7(2) tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta izda dejjem bir-ratifika tal-istess Bord li wissietu li kellu sad-09.12.2014 (emfasi tal-esponent) sabiex jappella meta hu infatti ipprezenta l-appell tieghu fit-03.11.2014;

11. Illi, kontestwalment flimkien mal-ittra tal-appell, ir-rikorrent ipprezenta wkoll, u ghalhekk fi zmien ragjonevoli, certifikat mit-tabib kuranti tieghu Dr Khan iddatat l-10.10.2014, kopja ta' liema certifikat qieghed jigi hawn anness u mmarkata bhala

DOK. 'G', li tispjega u taghti gustifikazzjoni ghas-sodisfazzjoni tal-Art. 7(2)(a) tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta ghalfejn ir-rikorrent ipprezenta l-appell tieghu barra mit-terminu impost mill-ligi ta' hmistax (15)-il gurnata;

12. Illi, kienet ghal din il-motivazzjoni li l-Bord tal-Appelli tar-Rifugjati estenda z-zmien tal-prezentata tal-appell (emfasi tal-esponent) sad-09.12.2015;

13. Illi, l-appell instemgha darbtejn (emfasi tal-esponent). L-ewwel smigh instemgha nhar l-14 ta' Mejju, 2015, bl-Av. Joseph Mifsud jippresjedi s-seduta bhala Chairman. F'din is-seduta gie trattat il-mertu u kellha tittiehed decizjoni;

14.Illi, ebda decizjoni ma ittiehdet (emfasi tal-esponent) fir-rigward mill-Bord kif kien kompost;

15. Illi, ir-rikorrent gie infurmat b'ittra iddatata it-28.05.2015, mis-Segretarju tal-Bord tal-Appelli, inter alia, li 'l-kompozizzjoni tal-Bord kien inbidel u ghalhekk persuni differenti minn dawk li kienu semghu t-trattazzjoni tal-appell kienu ser jiehdu d-decizjoni fuq il-mertu, kopja ta' liema ittra qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK. 'H';

16. Illi, permezz ta' ittra ddatata l-05.06.2015, ir-rikorrent ipprotesta dan it-trattament u insista li jkollu smigh quddiem il-Bord kif kien ser ikun kompost a tenur tal-Art. 5(3) tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' liema ittra qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK. 'I';

17. Illi, permezz ta' ittra ddatata t-30.06.2015, il-Bord tal-Appelli wiegeb ghall-interpellazzjoni tar-rikorrent Wasim Rakib u infurmah li smigh kien ser jinzamm nhar l-10.07.2015, kopja ta' liema ittra qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK. 'J';

18. Illi, waqt it-tratttazzjoni tal-appell fuq il-mertu, ic-Chairman tal-Bord, Dr Claudio Zammit, qajjem il-punt dwar il-prezentata fuori termine tal-appell tar-rikorrent mid-decizjoni tal-Kummissarju fejn ir-rikorrent ghamel riferenza ghall-paragrafu (a) tal-Art 7(2) tal-Kap. 420 fejn il-ligi taghti lok ghar-rikorrent li jissolka dan it-terminu ghal ragunijiet li jkunu barra mill-kontroll tieghu (emfasi tal-esponent);

Illi, permezz ta' decizjoni datata nhar l-24.07.2015 il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati cahad l-appell tar-rikorrent billi osserva li l-applikant, "filed his appeal well beyond the fifteen day time-limit as found in Article 7(2) of Chapter 420 of the Laws of Malta", koppja ta' din id-decizjoni qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK. 'K'. B'hekk l-appell ma giex ikkunsidrat fuq il-mertu.

Il-kawzali
19. Illi, kemm-il darba huwa minnu li l-appell ma giex ipprezentat mir-rikorrent Wasim Rakib fiz-zmien stipulat ta' hmistax (15)-il gurnata, il-ligi stess fl-Artikolu 7(2)(a) tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi rimedju ghar-rikorrent li ma jkunx irid jirrinunzja ghall-appell tieghu u dan jekk jaghmlu fi zmien ragjonevoli u minhabba ragunijiet li kienu barra mill-kontroll tieghu;

20. Illi, kif indikat fl-affidavit ta' Wasim Rakib u fic-certifikat mediku tat-tabib, ir-rikorrent ma setghax jappella fiz-zmien stipulat ghall-fatt li kellu ordni tat-tabib sabiex jibqa' gewwa d-dar tal-abitazzjoni tieghu minnhabba l-kundizzjoni medika li kien qieghed ibghati minnha, koppji taghhom qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala DOK. 'J' u 'E' rispettivament;

21. Illi, raguni medika tikkostitwixxi cirkostanza li tolirog il-barra mill-kontroll tar-rikorrent u li ghalhekk ghandha issib facli applikazzjoni taht din l-artikolu tal-ligi;

22. Illi, l-Bord tal-Appelli stess fl-ittra taghha tal-04.11.2014 (vide DOK. ‘E’), ma ddeterminatx l-appell jew infurmatu li kien skada t-terminu izda taghtu zmien sabiex jipprezenta l-appell tieghu;

23. Illi, il-Bord tal-Appelli tar-Refugjati fid-decizjoni dwar l-appell ghamlet riferenza ghall-Kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili, il-kwistjoni ta' preskrizzjoni bhala kwistjoni ta' ordni pubbliku u l-importanza tac-certezza tal-ligi li termini bhal dawn huma intizi;

24. Illi, fl-ewwel lok, jigi rilevat li jekk il-Bord tal-Appelli tat lir-rikorrent zmien oltre dak impost ta' hmistax-il gurnata, u cioe sad-9 ta' Dicembru sabiex jipprezenta l-appell tieghu u twissih li fin-nuqqas il-Bord jghaddi biex jiddetermina l-appell tieghu minghajr smigh, ma tistax imbaghad minn naha l-ohra tichad l-appell ghax gie pprezentat fuori termine. L-ewwel nett l-appellant qua rikorrent inghata terminu gdid(emfasi tal-esponent) minhabba ragunijiet tajbin fil-ligi u skond il-ligi (emfasi tal-esponent), u t-tieni nett, li kieku l-Bord ma riedx jiehu konjizzjoni tal-appell minhabba li kien tardiv ma messitx taghtu terminu u opportunita jipprezenta l-appell (emfasi tal-esponent). Agir ta' din il-kwalita taghmel stmerrija mill-gusitzzja, huwa komportament li ma huwiex accettabli fi Stat demokratiku u huwa leziv mid-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal smigh xieraq;

25. Illi, fit-tieni lok. ghandu jinghad li a differenza ta' qrati ohra, il-Bord tal-Appelli tar-Refugjati ghandu s-setgha li jirregola l-proecedura tieghu stess (vide Art. 7(8) tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk ma hijiex prekluza, bhala ma huma l-Qrati ordinarji taghna, milli tistabilixxi proceduri differenti u distinti minn dawk tal-Qrati - proceduri li ghandhorn, f'kaz ta' dubju, ghandu jinghad dejjem jiffavorixxu lir-rikorrent jew l-appellant. Kwindi, ihoss ir-rikorrent, li 'l-paragun li ghamlet l-Bord, bejna u l-Qrati tal-Gustizzja kif regolati bil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, kien xi ftit jew wisq, sfortunat;

26. Illi, minghajr pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, fit-tielet lok, jigi rilevat li mentri t-termini tal-appell kontenuti fil-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili huma mhux biss ta' ordni pubbliku izda jservu wkoll sabiex decizjoni tal-Qorti fl-Ewwel Istanza tigi ikkonfermata u ghaldaqstant issir finali, mhux hekk jista' jinghad dwar id-decizjoni tal-Kummissarju tar-Rifugjati li huwa liberu anke wara decizjoni tal-Bord tal-Appelli, jirrivedi d-decizjoni tieghu fir-rigward tal-istess applikant aktar il-quddiem u jbiddel id-decizjoni tieghu, dejjem fuq kriterji jew tibdil fic-cirkostanzi. Mhux l-istess jista' jinghad b'sentenza tal-Qorti li, gia ladarba tigi kkonfermata -fl-appell jew xort'ohra fl-assenza ta' appell wara li jiskadu t-terminu previst mill-ligi-issir irrevokabbli;

27. Illi, minghajr pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, fir-raba' 10k ghandu jigi rilevat Ii I-Art. 7(2)(a) tal-Kap. 420, Ii hija wara kollox lex specialis, tipprovdi u tiddisponi propju ghall-eventwalita bhal din fejn cirkostanza Ii harget il-barra mill-kontroll tal-appellant qua rikorrent, iddeterminat is-sottomissjoni tardiva tal-appell. Dan ii-punt gie imqajjem propju waqt it-trattazzjoni tas-srnigh tal-appell izda il-Bord xorta ghaddiet sabiex id decidiet bil-mod Ii iddecid iet minghajr lanqas biss gharnlet rifernza ghal din l-eccezzjoni tant rilevanti Ii tqqajjem meta giet sollevata ex ufficio iI-fatt tal-fuori termine;

28. Illi, minghar pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, ir-rikorrent ihoss Ii l-Bord kellu jiddeciedi I-appell tieghu abbazi tal-ewwel smigh, fejn il-Bord kif kompost sema' I-mertu kollu tal-kaz u fejn u fl-ebda hin u mument ma tqajjmet il-punt dwar iI-prezentata fuori termine (emfasi tal-esponent) tal-appell mill-appellant Rakib. B'dak Ii ghamlet il-Bord fit-tieni smigh, jilledi d-drittijiet tal-appellanti ghal smigh xieraq u dana stante Ii I-Bord inqeda bit-tieni smigh sabiex jippregudika I-appellant meta fl-ewwel smigh kienet lahqu diga nghalqu t-talbiet u l-eccezzjonijiet kollha u gie ttrattat il-mertu. Ghalhekk, iI-Bord kif diversament kompost ma kellux il-jedd u lanqas is-setgha Ii jerga’ jisma' kollox mill-gdid, izda kellu biss limitatament jerga’ jisma' I-mertu sabiex jaccerta ruhu dwar il-fatti - u jekk kellu dak il-jedd jew setgha, zgur Ii ma kellux is-setgha Ii jqajjem punt Ii l-predecessur tieghu ma qajjimx.

It-talbiet
Ghaldaqstant l-attur, in vista ta' dak kollu hawn suespost u ta' dak il-provi kollha producibbli fl-istadju opportun tas-smigh tal-kawza, kif ukoll ta' dawk il-provi kollhaipprezentati fl-appell quddiem il-Bord tal-Appelli tar-Rifugjati Ii jgib in numru RAB: 4911A/14, umilment jitlob Iil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikajra illi d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli tar-Rifugjati Numru RAB: 4911A/14 hija affetta minn interpretazzjoni hazina tal-ligi u senjatament tal-Att dwar ir-Rifugjati (Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta); u/jew alternativament jew kumulativament

2. Tiddikjara illi d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli tar-Rifugjati Numru RAB: 4911A/14 hija bi ksur id-dritt fondamentali tar-rikorrent appellanti ghal smigh xieraq senjatament ai termini tal-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, I-Art. 6 tal-Att dwar iI-Konvenzjoni Ewropea, Kap. tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea dwar iI-Protezzjoni tad-Drittijiet; u

3. Konsegwament ghall-Ewwel Talba, thassar u tannulla d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli fuq imsemmija; u

4. Konsegwament ghat-Tielet Talba, tordna lil-Bord tal-Appelli tar-Rifugjati terga' tisma' l-appell tal-attur.

5. Tikkonferma, f’kaz Ii jigi milqugh, iI-mandat ta' inibizzjani prezentat kontestwalment flimkien ma' din il-kawza fl-ismijiet Wasim Rakib (Police No. 1514/12) vs Kummissarju tal-Pulizija bhala Principal Immigration Officer.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kummissarju u l-Avukat Generali li tghid hekk:

(I) Illi in linea preliminari, l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur fl-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 u konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma hemm xejn fir-Rikors Promotur li huwa addebitat jew li jista' jigi addebitat lill-istess intimat;

(II) Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jeccepixxu li l-azzjoni odjerna hija intempestiva fil-konfront tal-esponent Kummissarju tal-Pulizija stante li fil-kaz odjern ghadhom ma skattawx il-proceduri tat-tnehhija permezz ta' hrug ta' Removal Order fil-konfront tar-rikorrent u ghalhekk effettivament it-talbiet kif dedotti fir-Rikors Promotur, sal-prezent ghadhom ma waqghux fil-mansjonijiet tal-esponent Kummissarju tal-Pulizija;

(III) Illi in linea preliminari wkoll, ir-rikorrent ghandu jispecifika a bazi tal-liema artikolu tal-ligi qed jintavola l-azzjoni odjerna;

(IV) Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jirrilevaw li ghandha issir korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u cioe tal-kliem 'Police no' stante li n-numru indikat jidher li jirreferi ghan-numru ta' referenza tal-Ufficcju tal-Kummissjoni tar-Refugjati u mhux ghal xi referenza ta' xi file tal-Pulizija;

(V) Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jirrilevaw li d-dokumenti annessi mar-Rikors odjern ma jidhirx li huma debitament awtentikati skont il-ligi;

(VI) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-esponenti kif se jigi ippruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza u ghandhom jigu michuda in kwantu insostenibbli ghar-ragunijiet segwenti, li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghas-suespost;

(i) Illi fir-rigward tat-tieni talba kif dedotta fir-Rikors Promotur, l-esponenti jissottomettu li in kwantu l-istess Rikors hu intavolat fil-Qorti Civili fil-Gurisdizzjoni ordinarja taghha, l-esponenti se jirrispondu ghal lanjanzi ta' natura ordinarja u mhux ghal xi lanjanzi Kostituzzjonali;

(ii) Illi l-kwadru tal-fatti kif imposti mir-rikorrent huwa wiehed li ma jurix il-perspettiva korretta tal-fatti rilevanti u ghalhekk huwa svijanti;

(iii) Illi ghandu jigi ipprecizat li r-rikorrent kien rifjutat l-azil mill-Kummissarju tar-Refjugjati a bazi tal-fatt li fic-cirkostanzi tal-kaz, hu ma ippruvax l-allegazzjonijiet tieghu li jekk jigi ritornat lejn l-Indja kellu l-biza li jigi persegwitat; apparti li l-appell li intavola quddiem il-Bord tal-Appelli tar-Refjugjati kien ferm tardiv;

(iv) Illi fir-rigward tal-allegazzjonijiet tieghu fil-konfront tal-Bord intimat, l-esponenti jirrilevaw li jidher li l-istess Bord tal-Appelli tar-Rifjugjati kien debitament kompost skont il-ligi u iddecieda l-kaz tar-rikorrent wara li gharbel ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kemm fattwalment kif ukoll legalment skont l-amministrazzjoni tal-gustizzja. Illi l-fatt uniku li r-rikorrent ma qabilx mad-decizjonijiet tal-Kummissarju tar-Rifjugjati u sussegwentement mad-decizjoni tal-istess Bord ma jfissirx awtomatikament li l-imsemmi Bord ma mexxiex skont id-dettami tal-ligi;

(v) Inoltre, fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrent ghandu l-mezzi ordinarji idonei skont il-ligi sabiex jattakka xi eventwali removal order skont il-provvedimenti tal-Kap. 217;

(vi) Illi l-intimati jirribattu li fic-cirkostanzi odjerni, jidher li permezz tal-azzjoni odjerna r-rikorrent qed jitlob li din l-Onorabbli Qorti sabiex izzomm lill-Kummissarju milli jaghmel kwalunkwe azzjoni li taqa' fid-doveri u fl-obbligi tar-responsabbiltajiet tieghu skont il-ligi fir-rigward tal-procedura tal-hrug ta' removal orders; procedura li del resto l-istess Kummissarju jaderixxi maghha f'kaz ta' kull persuna li tkun qeghda f'Malta b'mod irregolari;

(vii) Illi fir-rigward tal-hames talba kif dedotta fir-Rikors Promotur, l-esponenti jirribattu li effettivament il-Mandat ta' Inibizzjoni li gie intavolat mir-rikorrent fis-17 ta' Awwissu, 2015 gie michud min din l-Onorabbli Qorti u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni huwa ta' natura kawtelatorju b'dan illi t-talba tar-rikorrent ghal hrug tal-Mandat b'effett permanenti hi f'kull kaz inammissibbli fis-sistema guridika taghna;

(viii) Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti, fl-umli fehma tal-esponenti fic-cirkostanzi odjerni mhux il-kaz li din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli tar-Rifjugjati hi affetta minn interpretazzjoni hazina tal-ligi u/jew li l-imsemmija decizjoni ghandha tigi imhassra u annullata u/jew li l-istess Bord ghandu jerga' jisma' l-appell tar-rikorrent; kif qed jippretendi r-rikorrent;

(ix) Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors Promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat in-nota tal-attur tat-3 ta' Dicembru, 2015 li permezz taghha ceda u rtira l-azzjoni tieghu fil-konfront tal-Bord tal-Appelli tar-Refugjati u zamm ferm il-pretensjonijiet tieghu fil-konfront tal-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali.

Rat in-nota tal-attur tal-24 ta' Frar, 2016 li biha ddikjara li din il-kawza kienet qeghda issir taht l-artikolu 469A(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tat-3 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu l-attur irtira t-tieni talba u talab li jigu kkancellati l-kliem "u/jew it-tieni" fit-tielet talba tieghu u ghalhekk il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha, kif ukoll tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fil-konfront tal-istess talba.

Rat in-nota tal-attur tal-10 ta' Marzu, 2016, sabiex isostni li l-Avukat Generali huwa legittimu kontradittur f'din il-kawza.

Rat li gie prezentat bhala Dok. JM1 l-inkartament tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attur qieghed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li d-decizjoni li ttiehdet mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati hija affetta minn interpretazzjoni hazina tal-ligi u qieghed ghalhekk jintalab it-thassir tal-istess decizjoni u li jigi ordnat lill-istess Bord li jerga' jisma l-appell tal-attur. Jintalab ukoll li jigi kkonfermat il-mandat t'inibizzjoni, pprezentat kontestwalment mal-istess kawza. Jinghad mill-attur illi l-azzjoni tieghu hija bbazata fuq l-artikolu 469A(1)(a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), senjatament talba ghall-istharrig gudizzjarju, stante li jinghad li d-decizjoni li ttiehdet tikser il-Kostituzzjoni.

Il-konvenuti da parti taghhom laqghu ghall-azzjoni attrici kemm fil-mertu, kif ukoll ressqu eccezzjonijiet preliminari fis-sens li fil-kaz tal-Avukat Generali, jinghad li mhuwiex legittimu kontradittur u jsejjes din l-eccezzjoni fuq l-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Filwaqt, li fil-kaz tal-Kummisarju tal-Pulizija jinghad, li l-azzjoni hija intempestiva, in kwantu ghadhom ma skattawx il-proceduri ta' *Removal Order* u ghalhekk it-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur ma jaqghux fil-mansjonijiet tal-Kummissarju konvenut. Ikun xieraq li l-ewwel jigu mistharrga dawn l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti.

Ghandu jinghad mal-ewwel, li kif gustament osservat mill-attur permezz tan-nota tieghu, tal-10 ta' Marzu, 2016, huwa meqjus li l-Avukat Generali huwa legittimu kontradittur f'din il-kawza. Jigi rilevat illi l-Bord li ddecieda l-applikazzjoni ghall-azil tal-attur, fil-funzjonijiet tieghu ta' tribunal kwazi gudizzjarju, igawdi mill-istess protezzjoni bhall-qrati ordinarji fl-ezercizzju tal-qadi taghhom. Dan ma jfissirx illi l-istess Bord ma jistax ikun suggett ghal stharrig gudizzjarju ghall-imgieba jew id-

decizjoni tieghu, izda li l-Bord innifsu, ma jistax jigi citat fi proceduri gudizzjarji. Il-fatt illi l-kawza m'hijiex proponibbli fil-konfront tal-Bord ifisser, li din ghandha ssir fil-konfront tal-konvenut Avukat Generali, u dan proprju in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li fis-subartikolu (2) tieghu jipprovdi illi:

L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.

Dan qieghed jinghad ukoll b'referenza ghal dak ritenut minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza taghha tat-22 ta' Ottubru, 2013, fl-ismijiet **Sadek Mussa Abdalla vs Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati**, meta nghad:

> Although plaintiff is impugning the defendant Board's decision, the Board itself cannot be cited as defendant in such an action. The Board – in its function as a quasi-judicial tribunal – enjoys the same protection accorded to ordinary courts in accounting for the exercise of their judicial functions, unless it can be shown that such tribunal or board has acted in a fraudulent manner (**Gatt Tarmac Ltd vs Kunsill Lokali ta' Victoria (Ghawdex) et**, App 07/08/2013). This is not to say that the exercise of those functions is not subject to judicial scrutiny: it means that those tribunals themselves may not be cited in proceedings. This protection is extended to the persons who sit on such tribunals (**Mallia noe et vs Debono et**, Kollez Vol LXXXI.ii.262, App 13/02/1997), although in certain cases this immunity is lifted where it transpires that they have acted in breach of the procedures set up at law for that particular tribunal, or where such person has acted in a discriminatory manner or where the actions of such person amount to a breach of the aggrieved party's fundamental rights. The reasoning behind such an immunity lies in guaranteeing the independence they require to exercise their judicial functions, rather than in providing them with a preferential privilege. This means that for an action of judicial review relating to a decision of such an administrative tribunal or quasi-judicial board, the action has to be filed against the proper person whom the State has ordained to stand in its name in judgment in similar cases. This person is, in terms of Maltese Law, the other defendant in this case, namely the Attorney General;
>
> This position has persisted even after the introduction in 1995 of the procedural provisions relating to judicial representation in matters of judicial review of quasijudicial tribunals and the application of this principle has received consistent judicial backing without fail (**Power Projects Ltd vs Stephen Agius** et, PA 16/06/2003, mhux appellata);
>
> ... the fact that plaintiff's action cannot proceed against the Board shall in no way impair its validity against the Attorney General as the other defendant. As a matter of fact, in no part of the submissions did the Attorney General raise the argument that he, too, was non-suited. The provisions of article

> 181B of the Code of Organisation and Civil Procedure would, in any case, have made short shrift of any such argument, had it been raised."

Din il-Qorti filwaqt li taqbel perfettament ma' dan l-insenjament, hekk ukoll f'dan il-kaz, tqis illi l-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju odjerna, ghandha ssir kontra l-Avukat Generali f'isem il-Gvern ta' Malta, u dan a tenur tal-imsemmi artikolu 181B(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Isegwi li din l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti ma timmeritax li tigi milqugha.

Imiss li tigi trattata t-tieni eccezzjoni preliminari, in kwantu jinghad li l-azzjoni fil-konfront tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija saret intempestivament, peress li ghadhom ma skattawx il-proceduri ta' *Removal Order*. Jigi rilevat illi in kwantu l-azzjoni attrici tattakka d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati, u mhux xi *Removal Order*, tqis li din l-eccezzjoni ghandha mis-sewwa. Fi kwalunkwe kaz, kif appena spjegat, huwa ritenut li l-presenza tal-konvenut Avukat Generali, f'isem il-Gvern ta' Malta, f'dawn il-proceduri ta' stharrig gudizzjarju ta' decizjoni tal-Bord, huwa bizzejjed u konsegwentement din it-tieni eccezzjoni timmerita li tintlaqa'.

In kwantu l-eccezzjonijiet preliminari l-ohra tal-konvenuti, gew indirizzati fil-mori tal-proceduri, imiss li jigi trattat il-mertu tal-kawza. Minn ezami tal-fatti rizultanti milli atti jinghad illi l-attur twieled Jammu Kashmir, fl-India, fit-3 ta' Jannar, 1987. Huwa telaq minn Delhi, mar id-Dubai u wara l-Libya, sabiex imbaghad wasal f'Malta f'Novembru tas-sena 2012. Applika ghall-protezzjoni t'azil taht l-istatus ta' rifugjat fit-3 ta' Dicembru, 2012. Dana peress li nghad minnu li kien hemm gwerra ghaddejja l-Kashmir bejn l-Indjani u l-Pakistani, u li ried jghix hajja ahjar wara li missieru nqatel proprju minhabba l-istess gwerra. Wara li saritlu intervista u l-Kummissarju ghar-Rifugjati, qies dak kollu meqjus rilevanti ghat-talbiet tal-applikant, fis-16 ta' Frar, 2013, kien deciz li l-applikazzjoni kif imressqa mill-attur, ma kenitx tilhaq il-kriterji mehtiega, sabiex jinghata l-istatus ta' rifugjat jew ta' protezzjoni sussidjarja u ghalhekk kienet michuda. Din d-decizjoni kienet ikkonfermata mic-*Chairman* tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati fil-25 ta' Frar, 2013.

Wara li l-attur ressaq xi dokumenti godda, talab li tigi ezaminata mill-gdid l-applikazzjoni tieghu. Izda permezz ta' decizjoni li nghatat fil-15 ta' Settembru, 2014,

ghal darba ohra, l-Kummissarju ghar-Rifugjati ikkonkluda li ma kien hemm ebda elementi godda li kienu jiggustifikaw it-talba tieghu li jinghata l-istatus ta' rifugjat. Ghalhekk it-talba tal-attur ma setghetx tigi ezaminata ulterjorment u kienet meqjusa bhala inammissibli skont il-ligi. Permezz ta' korrispondenza datata 3 ta' Novembru, 2014, l-avukat tal-attur spjega lis-Segretarja tal-Bord tal-Appelli, li l-klijent tieghu avvicinah wara li kien skada t-terminu tal-appell, peress li dan kien wegga' dahru, kif jixhed it-tabib kuranti tieghu, u talab zmien biex iressaq is-sottomissjonijiet tieghu, dwar il-kaz. L-istess Segretarja tal-Bord tal-Appelli wiegbet l-imsemmija korrispondenza l-ghada, fejn inghad li setghu jsiru s-sottomissjonijiet opportuni sa mhux aktar tard mid-9 ta' Dicembru, 2014, u fin-nuqqas li jigi deciz l-appell. L-applikazzjoni tal-appell tal-attur, quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati, saret fl-4 ta' Dicembru, 2014, li kienet tinkludi l-affidavit tal-attur. L-attur inghata smiegh quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati fl-14 ta' Mejju, 2015. Wara li dak il-Bord kif kompost, naqas li jiddeciedi l-applikazzjoni tieghu, l-attur talab li jinghata smiegh mill-gdid quddiem il-Bord kif issa kompost.

L-attur inghata smiegh mill-gdid quddiem il-Bord kif kompost, fl-10 ta' Lulju, 2015. Inghatat decizjoni mill-istess il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati fil-24 ta' Lulju, 2015, li permezz taghha kien deciz li peress li l-appell sar tardivament, oltrè it-terminu ta' hmistax il-gurnata, kif tipprovdi l-istess ligi, astjena milli jiehu konjizzjoni tal-mertu tal-appell. Konsegwentement l-appell kien michud, in kwantu kien meqjus null. L-attur qieghed jikkontesta din id-decizjoni peress li jikkontendi li nghatat b'interpretazzjoni hazina tal-ligi, u jiccita l-artikolu 469A(1)(a) tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili, sabiex jitlob l-istharrig gudizzjarju taghha, peress li jinghad li tikser il-Kostituzzjoni.

In tema legali, kif accennat qabel, il-Qrati ordinarji huma moghnija bis-setgha li jistharrgu decizjonijiet ta' tribunali ohra, fejn jigi allegat li naqsu milli josservaw il-principji ta' gustizzja naturali. Minkejja kull provvediment legali sabiex jillimita din is-setgha, gie awtorevolment deciz mill-Qorti tal-Appell, li allegazzjoni ta' ksur tal-principji ta' gustizzja naturali jew decizjoni li tkun legalment zbaljata fl-interpretazzjoni tal-ligi, huwa bizzejjed sabiex jirradika f'din il-Qorti s-setgha ta' stharrig gudizzjarju. Hawnhekk issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Gunju, 2008,

fl-ismijiet **Charles Mattocks vs Dr. Anthony Gruppetta noe et**, fejn f'kuntest differenti relatat mal-process ta' hatriet fis-servizz pubbliku, li jsir mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (PSC), inghad:

> Il-Qrati taghna osservaw li l-PSC mhix insindikabbli b'mod assolut, u jekk jigi allegat li l-PSC ma segwietx ir-regoli ta' procedura li hi stess tkun ghamlet ghas-smiegh tal-kazi quddiema ("Cassar vs. Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku", eventwalment ceduta quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Novembru, 1985), jew jigi allegat li l-PSC agixxiet b'mod diskriminatorju ("Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku", deciza mill-Qorti Kostituzzjnali fl-20 ta' Jannar, 1985), jew li l-istess PSC agixxiet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ("Attard vs Sant'Angelo noe et", decisa mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Novembru, 1996), allura l-Qorti ordinarja tista' tintervjeni, tissindika u eventwalment taghti r-rimedju opportun. Din il-Qorti zzid li anke jekk jigi allegat, fuq livell amministrattiv, li l-PSC agixxiet bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali jew agixxiet ultra vires il-poteri taghha, il-Qrati ordinarji jistghu u ghandhom jintervjenu. Il-principji tal-gustizzja naturali jridu dejjem u skrupolozament jigu osservati minn kull Qorti, Tribunal, Bord jew Kummissjoni mahtura biex tiehu decizjoni fir-rigward ta' individwu, u ebda awtorita` moghnija b'dan il-poter ma tista' twarrab dawn il-principji b'impunita` (ara, per ezempju, il-kazijiet "Zammit vs Falzon", deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Marzu, 2003 u "Mangion vs Cilia Pisani noe", deciza millPrim Alwa tal-Qorti Civili fl-20 ta' Mejju, 2004). L-istess jista' jinghad f'kaz ta' allegazzjoni ta' qerq. (sottlinjar mizjud minn din il-Qorti)

Hekk ukoll f'sentenza ohra tat-28 ta' Settembru, 2012, fl-ismijiet **Paul Washimba vs Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati et**, kif ukoll dik tal-5 ta' April 2013, fl-ismijiet **Saed Salem Saed vs Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati et,** li kellhom cirkostanzi simili ghal dak in ezami, kien ritenut mill-Qorti tal-Appell illi:

> Hu principju ta' dritt, pero`, li l-gurisdizzjoni inerenti tal-qrati ta' "judicial review" ma tista' titnehha minn ebda ligi, ghax ma jistax jigi accettat li l-legislatur qatt jista' jippermetti li decizjoni tittiehed bi ksur tal-principji ta' gustizzja naturali jew kontra l-ligi.
> …. Il-Qrati Civili jistghu jissindikaw l-operat ta' kwalsijasi tribunal jew bord imwaqqaf bil-ligi, l-ewwelnett biex jassiguraw li l-principji tal-gustizzja naturali jkunu osservati u, fit-tieni lok, biex jassiguraw li ma jkunx hemm xi enuncjazzjoni hazina jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi fis-sens lat tal-frazi, fis-sens li ghandhom jassiguraw mhux biss li d-decizjoni innifisha ma tkunx wahda "wrong at law", izda li t-Tribunal jew Bord ikollu s-setgha legali jaghti dik id-decizjoni. (sottlinjar mizjud minn din il-Qorti)

Din il-Qorti filwaqt li taqbel ma' dawn il-principji u taghmilhom taghha, meta tghaddi biex tapplikahom ghall-kaz in ezami, issib li l-ilment tal-attur mhuwiex gustifikat.

Dan qieghed jinghad peress li fil-fehma ta' din il-Qorti l-artikolu 7(2)(a) tal-Kap. 420, citat mill-attur ma japplikax ghall-kaz odjern fejn ir-rikors tal-appell isir tardivament, peress li dak is-subinciz japplika ghall-meta appellant ikun naqas milli jipprovdi l-informazzjoni essenzjali ghall-appell wara li jkun sar ir-rikors tal-appell. Peress li l-artikolu in ezami jipprovdi, li sakemm ma jigix muri li dan in-nuqqas, sehh minhabba cirkostanzi li l-applikant ma setax jikkontrolla, il-Bord jista' jassumi li dan ikun implicitament irtira r-rikors tal-appell. Ghalhekk din is-sitwazzjoni tippresupponi li jkun gie pprezentat ir-rikors tal-appell, meta jsehhu c-cirkostanzi li jwasslu lill-applikant ghan-nuqqas li jipprovdi l-informazzjoni essenzjali ghall-appell, sitwazzjoni differenti mic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, fejn ir-rikors sar tardivament.

In kwantu l-attur jaghmel referenza ghall-artikolu 7(8) tal-Att dwar ir-Rifugjati (Kapitolu 420 tal-Ligijiet ta' Malta), jigi nnutat li fil-konsiderazzjonijiet tal-Bord, fid-decizjoni tal-24 ta' Lulju, 2015, jinghad li l-appell sar ferm wara l-hmistax-il gurnata kontemplati fil-ligi (artikolu 7(2) tal-Kap. 420) u li dan il-punt kellu jitqajjem mill-Bord *ex ufficio,* ladarba l-osservazzjoni tat-termini stabbiliti fil-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-proceduri tal-qrati, tribunali u bordijiet kienu meqjusa bhala t'ordni pubbliku. Jinghad ukoll li t-terminu ghall-appell ma jistghax jigi mibdul jew estiz, lanqas bi qbil bejn il-partijiet u dan iservi sabiex jipprovdi certezza fil-ligi. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Bord iddecieda li kellu jieqaf milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess appell.

Fuq dan il-punt huma meqjusa rilevanti l-principji osservati fis-sentenza fl-ismijiet **Giuseppi Caruana vs Charles Psaila**, deciza fil-21 ta` Marzu 1997 (Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera) fejn inghad:

> It-termini procedurali huma inderogabbli. Infatti, "ma jista` qatt ikun disputat illi t-termini ghal kompiment ta` atti processwali huma dawk stabbiliti mil-ligi. …. Trattandosi ta` norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares ad unguem, in raguni ta` l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili u f`ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta` ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula

Hekk ukoll il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Daniela Zwack-Wandrey vs Messrs. In Sight Ltd.** tas-6 ta' Ottubru, 2010:

> illi huwa fil-generalita` tar-riti processwali taht id-diversi ligijiet u ghal liema hu konsentit appell, illi t-termini fihom preskritti ghall-appell jinkwadraw ruhhom fl-istitut tad-dekadenza. Dan huwa hekk ghas-semplici fatt materjali u oggettiv tad-dekorrenza taz-zmien. Ara "**Caterina Tabone -vs- Nobbli Gio Carlo Mallia et",** Appell Civili, 3 ta' Ottubru, 1927;
>
> Il-kwestjoni hawnhekk sollevata giet proprju minn din il-Qorti diversi drabi ezaminata. Hekk inghad illi t-termini ghall-appell minn sentenzi "huma termini perentorji u dwarhom, di regola, ma hemmx possibilita` la ta' proroga, u lanqas ta' sospensjoni jew interuzzjoni, jekk mhux fil-kazijiet eccezzjonalment mil-ligi prevvisti. Ad ezempju, fejn il-gurnata ta' l-iskadenza tat-terminu tahbat nhar ta' Sibt jew il-Hadd jew xi gurnata festiva. Din in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvedimenti sanatorji jew ta' rimessjoni, ankorke d-dekors inutili taghhom ma jkunx imputabbli lil parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarju ghal raguni ta' certezza u, ukoll, ta' uniformita.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta li ghalkemm huwa minnu li l-artikolu 7(8) Kapitolu 420 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li l-Bord ghandu jirregola l-procedura tieghu nnifsu, jigi rilevat li jezistu wkoll ir-Regolamenti Dwar il-Procedura tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati (L.S. 420.01). Taht ir-regolament 5(1)(a) (L.S. 420.01), jinsab provdut ukoll li appell taht l-istess regolamenti, ghandu jsir fi zmien gimghatejn, kif wara kollox jipprovdi l-artikolu 7(2) tal-Att principali. Izda jigi osservat li, fir-regolament 5 (2) hemm provdut ukoll li:

> <u>Bla hsara ghad-disposizzjonijiet taht is-subparagrafu (1)(a) sa (o), il-Bord ghandu xort'ohra jirregola l-procedura tieghu nnifsu.</u>

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, ladarba l-ligi sussidjarja stess tipprovdi li l-Bord ghandu jirregola l-procedura tieghu nnifsu limitatament f'dawk il-kazijiet mhux kontemplati taht is-subparagrafu (1)(a) sa (o), dan ifisser li r-regolamenti taht is-subparagrafi (1)(a) sa (o), ghandhom jipprevalu, inkluz it-terminu perentorju ta' gimghatejn li fih ghandu jsir appell.

Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar dak li rrizulta li gara mill-provi prodotti quddiemha. Izda kif inghad minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza taghha tal-15 ta' Dicembru, 2016, fl-ismijiet **Logos Societa Cooperativa vs Direttur Generali Tal-Kuntratti et:**

ghalkemm din il-Qorti taqbel li ladarba inghataw certu struzzjonijiet dwar kif ghandu jigi registrat appell, jekk dawn gew segwiti l-appell ma ghandhux jigi dikjarat null minhabba li l-appellant naqas li jsegwi pass iehor indikat fl-avviz legali, fil-kaz odjern, dak il-pass li l-appellanti naqsu li jsegwu kien proprju t-terminu korrett stipolat mil-ligi.

Hekk ukoll f'dan il-kaz, ladarba t-terminu t'appell tal-attur kien lahaq skada, dan ma setax jigi sanat bl-ebda mod, in kwantu huwa meqjus bhala perjodu ta' dekadenza. Ghalkemm fuq il-bazi ta' provveddimenti differenti, (Regolament 5 tal-L.S. 420.01), din il-Qorti ma ssibx li hemm lok li tithassar jew tigi annullata d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati, in kwantu l-appell tal-attur tabilhaqq sar tardivament. Kif gustament osservat mill-imsemmi Bord, l-osservazzjoni tat-termini stabbiliti fil-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u ligijiet ohra specjali, li jirregolaw il-proceduri tal-qrati, tribunali u bordijiet huma meqjusa bhala t'ordni pubbliku. Isegwi li l-ittra tas-Segretarja tal-Bord, ma setghatx tissana dan in-nuqqas tal-attur, bl-ebda mod.

Ghalhekk l-ewwel, it-tielet u r-raba' talbiet tal-attur ma jimmeritawx li jkunu milqugha.

Lanqas m'huwa il-kaz li tintlaqa' l-hames talba attrici, peress li kif gustament eccepit mill-konvenuti, inghad diversi drabi mill-qrati taghna, li ma jistax jigi konfermat mandat kawtelatorju b'mod permanenti, kif qieghed jippretendi l-attur.

**Decide**

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet kollha, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiddeciedi t-tieni talba attrici, taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-ewwel l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut Avukat Generali, in kwantu huwa meqjus bhala legittimu kontradittur, tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet u tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-attur, salv dawk relatati mal-ewwel eccezzjoni preliminari, li tibqa' a karigu tal-konvenut Avukat Generali.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur